# L-IMNARA

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

GHAQDA TAL-FOLKLOR

ĦARĠA 16

Vol. 4 No. 3

L - IM NARA

Vol. 4 Nru 3 Harġa Nru 16

Maħruġa 1994 għas-sena 1992

WERREJ

| | | |
|---|---|---|
| Seashells as Folk Art. | Angelo Dougall | 59 |
| Pipa tal-Qasba. | John Wood | 62 |
| Xi Talb Folkloristiku minn Għawdex. | Anthony Mario Saliba | 66 |
| L-Ilbies fil-Viżtu. | Maria Pisani | 69 |
| Ġabra ta' Taqbil Popolari (Lewwel Parti). | Guido Lanfranco | 71 |
| Il-Banjijiet ta' L-Għawm. | Arthur Grima | 76 |
| L-Ewwel Memorji ta' Skejjel fil-Belt Valletta. | Paul Portelli | 77 |
| Xiħ u Xiħa | Ġużè' Chetcuti | 80 |
| Il-Ħajja fl-Imgħoddi. | Mary Ghio | 82 |
| Madwar San Filippu L-Isla. | Ġużi Buontempo | 84 |
| Tislima lil Emanuel Farrugia (1934-1991). | Angelo Dougall | 86 |

Bulletin tal-Għaqda tal-Folklor, joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għaqda tal-Folklor jew ta' l-Editur, jekk ma jkunx hekk speċifikat.

Indirizz ta' l-Editur huwa
78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

L-Imnara No. 16

# SEASHELLS AS FOLK ART

Angelo Dougall

One gets accustomed during *festa* time, seeing in our parish churches, the usual array of flower bouquets offered by local societies or some individual devotees, in honour of the patron saint during parish celebrations. This is a long established folkloristic manifestation, and a custom of our colourful folk life. Yet, on their own, these bouquets of flower arrangement form a definite folkloristic study. On such an event, one occasionally comes across something with a difference, some folkloristic item that should be duly recorded with comments about it.

On Saturday, August first, 1992, and next day, Sunday, during the *festa* of Saint Peter, patron saint of Birżebbuġa parish, in the church there was the usual array of pyramidal and cone-shaped flower bouquets in front of the titular statue, but among them there was an item of an entirely different nature. It was a metre high model of the parish church of Saint Peter, covered all over with seashells collected from Ramla, Pretty Bay, Birżebbuġa.

It was, in itself, a showpiece, much admired by those visiting the church on *festa* days. It was a magnificent piece of folk art done with admirable perseverance and infinite patience by Mr. John Worman of Birżebbuġa, a retired Englishman. The model was very accureate in shape, proportions and details, and one could marvel at the craftsmanship and great work undertaken by the gentleman! We were informed that it was made from 22,000 colourful tiny sea shells covering the whole model, mainly composed of the *Tricolia pulla* species, together with others, as *Cyclope (Panormello) pellucida, Mitrella scripta, Columbella rustica,* and *Astraea (Bolma) rugosa*, and the whole work was interspersed with small *Arca noae* shells for extra decorative effect. One very rarely, these days, comes across such a fine piece of folk art.

Seashells, with their myriad patterns, natural design colour and shapes, offer varied possibilities for their application in different abstract patterns. The lure, attraction and fascination of collecting seashells, by many called "jewels of the sea" have been irresistible for the creation of *objects d'art*. Their use in folk decoration, personal or ambiental, has been going on since time immemorial, all the world over, especially by people dwelling close to the coast, and more so around sandy beaches where these shells are cast ashore and easy to collect, turning up in their best show form.

When St. Gregory's morning festivities at Żejtun were over, people used to throng the seaside resorts close by, and combed Marsaxlokk beach and the nearby Ramla sandy cove at Birżebbuġa, for seashells. Later on in the evening, the various species of shells were taken back home, and kept them busy creating *objects d'art*. But then, those days were more leasurely and easy going! Coral too, white or red, (the latter more valuable and less available) was obtained from fisherfolk, to be incorporated for extra decoration in many a folk *object d'art*.

Mnay people, these days, have a try at some sort of folk design or folk decoration made from seashells, and patiently persevere in this time-consuming pasti Some doing it profes-

sionally, producing souvenirs for tourists. At one time, this pastime was very popular in Malta; indeed it is a very old form of folk art. It reached its peak around the middle of the 18th century, and in private collections, one could see exquisite bouquets made entirely of seashells. These were presumably made by convicts, but were commissioned by the Maltese nobility, and given as presents to the Grand Master of the Order of Saint John. In Maltese churches and chruch museums, one can also see these small bouquets in niches. But such exquisite work as prcaticed in those days is all but a lost art, in spite of some survival on a small scale.

However, this form of folk art went on sporadically throughlout the Victorian era, and one could still see many fine examples today, in private homes and collections. At my grandparents' house in Senglea, I remember a couple of folk art examples made from seashells; one was a small cave of coral and shells, sheltering a small clay figure (*pastur*) of St. Anthony the Abbot inside it, and the other a wax figure of Baby Jesus surrounded by flowers and abstracxt ornaments made from coral and seashells. Both these 18th century examples were protected under glass,, but unfortunately lost in the blitz.

Seashell folk art was most popular among seamen on long journeys, and among convicts serving long terms in jail. However, this pastime, from time to time, was taken up by people of all standing, and luckily there have been many books published on the subject. This type of folk decoration has been concurrent, but on a lower scale, with another, but practically dead folk craft, the *ganutil*, artificial flower-making and arrangement.

There is a tendency to create abstractions in free forms or geometric patterns. It is also a form of (so-called) peasant art, or what we could term as fisherman's art. This little written-about (here in Malta) form of art could be looked upon as a collage of freely found pieces of pretty natural objects. The folk artist also aims at adding something more to his life's environment and make his surroundings more congenial to live in. Objects such as those made of seashells could serve as a memento of someone who has been a few times to the seaside or to some *festa* at Marsaxlokk some years back!

In this type of folk art, one could see framed pictures of flower bouquets and various types of abstract decoration, or picture frames studded with seashells in abstract design, old seamen's valentine boxes, grottoes large or small, credence-top decorations under glass, bouquets, bottles and furniture covered all over with various species and sizes of seashells, and all sorts of other decorative items. One should not forget outdoor fountains, loggias and grottoes.

A great exponent and expert in this type of folk art was the late Reverend Dun Frans Camilleri of Hamrun; he left us many examples of his exquisite works to admire.

---

**See photos on page 61, and captions on page 79**



1



2

L-Imnara No. 16

# PIPA TAL-QASBA

John Wood

I believe that most national collections around the Mediterranean littoral contain some examples of tobacco pipes, and no doubt, a comparative study will eventually emerge; meanwhile if one draws attention to the subject other examples may come to light, as may useful information, especially as some older folk still remember these clay pipes in everyday use.

**Background**

Malta and Gozo, lying midway between Gibraltar and Lebanon are almost at the geographical centre of the Mediterranean, and have formed a port of call between Europe and North Africa, between the Moslem and Christian worlds. The Maltese have been in contact with both for centuries, and the cultures of both have contributed many customs and ideas which the islanders have adapted for their own use. Emigration has been one the solution to problems of overcrowding in the archipelago and contact has been maintained between home and overseas communities.

Tobacco and tobacco pipes had penetrated the Eastern Mediterranean by the very early 17th century (Robinson 1985). Cultivation of the plant was introduced into Malta at the beginning of the 18th century. At first, entry was oppesed by the Order of Knights for fear that the ġplant would foul the air, but later cultivation was allowed although no substantial area of arable land was occupied by the crop (Blouet 1967). In 1809 and 1810 tobacco was imported from Trieste in the Adriatic, and again in 1848. Subsequent plantation was considered by the administration (Bowen-Jones 1960). 19th century Maltese were apparently disadvantaged in that tobacco products lost their aroma when stored in buildings of *moist* local stone, (including perhaps snuff in the *kaxxetta* which De Soldanis lists as part of women's around 1750). According to Badger's description of Malta and Gozo, 1836-1841, the *pipa tal-qasba* was common enough to be part of the countryman's ensemble (Fig. 1).

**Present Situation**

Brief enquiries into the local manufacture of clay artifacts in Gozo indicate that finewares have frequently been imoported from Sicily whilst everyday pottery has been made locally until comparatively recently. For example, the *Fuħħari* Carmel Sacco who died 28 years ago aged 87, worked a hand operated wheel in Victoria. He used the local grey bodied clay (*tafal*) which fires a biscuit colour with rusty areas depending on the position in the kiln and therefore the temperature. According to his relatives he never made tobacco pipes, although Salvu Axiaq (age 86 in March 1993) from Wied Sara says Carmel Sacco worked caly from il-Ħarrax from which he made *pipa tal-qasba*. Salvu, a lifelong pipesmoker, was a customer. A modern potter at the Dbieġi makes only souvenirs and imports her clay from UK.

In 1981 I contacted the sales manager of Malta Pipeworks, Ltd.; neither he, nor his father ever remember reed pipes being made locally, and said they were probably imported. In the same year, the folklorist Dr. Cassar Pullicino, in a personal communication to me, remembered as a youth, seing Gozitan priests smoking the *pipa tal-qasba*. This was substantiated by the late Dr. Francis Mallia, then Director of the National Museum in Valletta.

Father Joseph Bezzina (1985) quotes from the Archiepiscopal Archives: "Some ecclesiastics were indulging in the not commendible but increasingly popular habit of smoking a pipe. Due to their state and dignity, they were prohibited to smoke in public, but were free to do so in private"; these circumstances pertaining between 1801 and 1840.

"A Maltese Pothouse" by Brockdorff (who was painting local scenes circa 1825) shows the proprietor smoking a reed pipe, and a detail from a watercolour (Ms1611 NLM) illustrates a pipe-smoking priest opposite the main entrance of south temple, Ġgantija, Gozo. The earliest illustration I can find is in a late 18th century copperplate engraving by Zimelli (in the National Museum of Fine Arts, Valletta), showing a peasant in wedding costume with a similar reed pipe.

**The Reed Pipes**

Żeppi Grech who worked at Xagħra windmill was a jack of all trades making everything from mousetraps to ploughs and most likely carved the stone (*Globigerina*) pipes which were found with his things (Figs. 2, 3).

Amongst a collection of reed pipes in the Gozo Museum are two whose origin can be identified. The stamp found on Fig.4 is also found on pipes from Varna, Bulgaria,(Stanceva 1975/76). Maltese merchants were importing cereals from the Black Sea in 1812 (Price 1954). Between 1854 and 1857 Malta was used as a staging for the Crimea War. The importation of this pipe is at least possible during those times. Fig.5 is stamped BONNAUD MARSEILLES underneath the stem. The firm was founded by Hippolyte Leon Bonnaud in 1824; it closed in 1955. Small numbers of Maltese had emigrtated to Marseilles in 1832 (almost a decade after Bonnaud founded his factory). The migration continued until 1844. A larger number of emigrants arrived in 1855 and again in 1891. Perhaps sailors or returning migrants were responsible for its introduction.

**Conclusion**

There has been ample opportunity for seamen, migrants, emigrants, and re-migrants to import smoking materials into the archipelago during the 17th-19th centuries, and on the evidence of clays, manufacturers' marks and stamps, it would appear that the majority of *pipa tal-qasba* were imported.

Much remains to be done to trace the development of pipe smoking in the Maltese Islands.

Fig.2 Globigerina limestone blank for pipes similar to Fig.3. Provenance: Xaghra mill.

Fig.3 Globigerina limestone pipe. Provenance: Xaghra mill.



Fig.1 Country man



Fig.2




Fig.3




Fig.4




Fig.5

**References**

Agius de Soldanis. 1750 Della Lingua Punica presentamente usata da'Maltesi (pp115-117).
Badger G.P. 1989. Description of Malta and Gozo. Melitensia Malta
Bezzina J. 1985. Religion and Politics in a Crown Colony. Bugelli publications. Valletta.
Blouet B. 1967. The Story of Malta. Progress Press. Malta.
Bowen - Jones et al. 1960. Malta: Background for Development. Durham University.
Price C.A. 1954. Malta and the Maltese. Georgian House. Melbourne.
Robinson R.W. 1985. Tobacco Pipes of Corinth and of the Athenian Agora. Hesperia 54,149-203.
Stanceva M. 1975/76. La confection de pipes en Bulgarie. Bull. du Musee des arts decoratifs (Beograd)19/20.129-37

---

**Din il-Ħarġa ta' L-Imnara**

Minħabba diversi diffikultajiet, dan in-numru 16ta' L-Imnara li kien għas-sena 1992, kellna noħorġuh tard, issa, fl-1994. F'qasir żmien, din is sena ukoll se noħorġu in-numri 17 u 18, wieħed biex jaqbel mal-1993, u l-ieħor għad din is-sena. L-Imnara tintbgħat lil min ikun ħallas is-sħubija tas-snin speċifikati.

Il-ħruġ ta' L-Imnara jirrikjedi bosta spejjeż (minbarra xogħol), u nħeġġu lill-membri iħallsu regolari is-sħubija tagħhom ta' Lira fis-sena.

---

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

# XI TALB FOLKLORISTIKU MINN GĦAWDEX

Anthony Mario Saliba

Wieħed mill-aspetti ewlenin tal-folklor Għawdxi hu proprju t-talb li kienu jgħidu missirijiertna fl-imgħoddi. Bħala poplu reliġjuż għall-aħħar, kien hawn bosta talbiet (nistgħu insejħulhom ukoll versi popolari reliġjużi) li ntirtu bil-fomm minn missier għall-iben, u saru biċċa mit-tradizzjoni tal-Għawdxin. Illum, dan it-talb qed jintilef u jintnesa. Jalla dan ma jsirx, għax allura nkunu tlifna parti oħra mill-wirt folkloristiku ta' gżiritna.

**Kurunelli** Forsi l-aktar talb komuni fl-imgħoddi, u li fortunatament għadu magħna, huwa proprju l-kurunelli. Kull parroċċa kellha l-kurunella ta' ġieħ ad unur il-qaddis patrun tagħha. Dawn huma aktarx poeżiji b'versi ottonarji (li fihom tmien sillabi, normalment aċċentati fuq it-tielet u s-seba sillaba) u bi tmien versi f'kull strofa. Ġeneralment, kurunella jkollha disa' strofi u wara kull waħda jingħadu l-Missierna, is-Sliema u l-Glorja.

Forsi l-aqwa kittieb tal-kurunelli li qatt kellna f'Malta u Għawdex kien il-Bormliż Dun Ludoviku Mifsud Tommasi (1796-1879). Fl-1835 kien ippubblika ktejjeb bl-isem ta' "Tifħir u Talb". F'fdan il-ktejjeb insibu għadd ta' kurunelli li kiteb, fosthom dik ta' Santa Marija li tingħad fil-katidral t'Għawdex tul il-jiem tal-festa.

Fl-1900, il-Kan. Lettur tal-Katidral ta' Għawdex, Dun Alfons Marija Hili, ippubblika ktejjeb ta' kurunelli għan-noveni tal-festi prinċipali tal-Madonna. Mad-disa' waħda nsibu kurunella ta' San Ġużepp, l-għareus purissmu ta' Marija Verġni. Dan il-ktejjeb kien ġie stampġat fl-istamperija tas-Sur Salvu Grech, Strada Carita No. 41. Kittieb Għawdxi tal-kurunelli kien ukoll il-magħruf Patri Krispin Vella, il-Lettur tal-Kapuċċini f'Għawdex, li fost il-kurunelli tiegħu insibu wkoll dik ta' San Pawl Missierna, biex tingħad fil-knisja dedikata lilu f'Marsalforn.

**Il-Brajbu u l-Kredu** Il-Brajbu (kultant magħruf ukoll bħala trajbu) kienet orazzjoni popolari ħafna f'Għawdex, l-aktar fl-irħula tal-Punent, l-Għarb u San Lawrenz. Il-brajbu hu varjazzjoni ta' orazzjoni oħra popolari ħafna fi Sqallija u fl-Italja, magħrufa aktar bħala "il Verbo". Ta' min iġib ftit versi ta' din it-talba tal-versjoni li ġbart minn fomm mara xwejħa mill-Għarb:

Brajbu nafu u Brajbu ngħidu:
Min ma jafux jitgħallmu,
U jgħidu tlitt darbiet kuljum,
Pieni tan-nirien ma jara qatt,
U l-ġenna dritt imur.

Versjoni oħra miġbura mis-Sur Anton F. Attard, publikata fil-ktieb tiegħu "Mill-Ħajja tal-Imgħoddi" (1991), tvarja xi ftit minn dik ta' fuq. F'din it-talba nsibu referenzi għall-

episodji mill-Passjoni ta'Ġesu', tal-Ġudizzju Universali u l-wegħda li jekk wieħed jgħid din it-talba tlitt darbiet kuljum imur dritt il-ġenna.

Talba oħra ferm popolari f'Għawdex kienet "Il-Kredu", talba publikata mis-sur A.F.Attard fil-ktieb imsemmi. Dan il-Kredu, miġbur mir-Rabat, jikkonsisti f'poeżija folkloristika ta' tnax il-vers li minnhom ser inġibu l-aħħar ħames versi mill-verżjoni tal-ktieb imsemmi:

Vieni.....fejn sejjer?
Sejjer it-Triq tal-Ġenna,
Warda Romana,
Triq ta' Lixandra,
Amen, Hekk ikun.

**Talb Folkloristiku Ieħor** Mir-Raħal ta' l-Għarb, ġbart din il-verżjoni tat-talba ta' filgħodu, li skond min qalhieli kienet anki tingħad fil-knisja parrokkjali tal-Viżitazzjoni ta' l-istess raħal sa sebgħin sena ilu:

NIżżik ħajr
Li Int sebbaħtni ħajja;
Agħti d-dawl lili,
Lill-proxxmu kollu tiegħi,
Ġurnata tini tajba,
Tħallini qatt noffendik,
U skond qalbek jien ngħix ħajti.

Verżjoni oħra ta' din it-talba, bi ftit differenza, tinsab fil-ktieb tan-notamenti ta' Manwel Magri S.J., publikat fl-1991 mis-Sur Ġuże' Cassar Pulliċino. Talba oħra folkloristika hi dik li kienet tingħad kull nhar ta' Gimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Din ġbartha mir-Rabat t'Għawdex, imma tinsab imxerrda ma' Għawdex u Malta kollha:

(Ġesu' Msallab ikellem lil ruħ il-bniedem)
O ruh, x'għamiltlek jiena,
Bil-lanzetti ftaħtli qalbi,
Inti titbiegħed minni,
Jien irridek tiġi għandi.

Fl-istess ktieb tan-notamenti ta' Magri, nsibu talba oħra Għawdxija ta' qabel it-Tqarbin, li huwa ġabar min-Nadur. Milli jidher din hija talba qadima bil-bosta, għax f'dan ir-raħal ma sibt lil ħadd jafha. Tikkonsisti fi tnax il-vers; Inġibu minnha l-ewwel ftit versi:

Riesaq fuq il-mejda tiegħek (i.e. l-altar)
Nitqarben bik u nagħmel paċi miegħek,
X'jien fid-dinja, koċċ dud ta' l-art!
Se nirċievi s-Sultan tas-Sema u l-Art!

Nispiċċaw b"talba tassew ħelwa li ġbart minn fomm sajjied tax-Xlendi, li aktarx hija magħrufa wkoll f'Malta. Il-Madonna qed tħajjar lil Ġesu' jorqod, imma dan ma jistax għax qed jiftakar fl-imsiemer li għad isammruħ mas-salib u fid-duluri li trid issofri Ommu Marija.

Orqod, ibni orqod,
Biex nghattik b'dax-xugaman,
J'Omm, ma nistax norqod
Għax niftakar fil-musmar.

Orqod, ibni orqod,
Ser ngħattik b'dal-maktur,
J'Omm ma nistax norqod
Għax niftakar fid-dulur.

---

## L-GĦAQDA TAL-FOLKLOR

L-Għaqda tal-Folklor twaqqfet kif inhi issa fl-1964 bil-għan li tinkuraġġixxi l-istudju u l-interess fil-folklor ta' Malta u Għawdex. Tul iż-żmienijiet organiżżat diversi wirjiet u attivitajiet oħra, inklużi essay competitions, ħarġiet, taħditiet u l-ħarġiet ta' L-Imnara.

Il-Kumitat għas-sena 1993 u 1994 huwa ffuramat hekk:

President: Guido Lanfranco; Viċi President: Ġużi Buontempo; Segretarju: Alfred Fenech; Assistent Segretarju: Thomas Agius; Teżorier: J. Porsella Flores; Assistent Teżorier: Maria Pisani; Membri: Gerard Cacciattolo, Angelo Dougall, Joseph Fenech, Alfred Galea, Paul Portelli.

Il-ħas tas-sħubija fil-Għadqa huwa ta' Lira Maltija fis-sena, u dan jinkludi l-ħarġa ta' L-Imnara ta' dik is-sena mħallsa. L-indirizz tas-Segretarju huwa:

Alfred Fenech, "Grezz" Triq id-Dirsa, Attard.

L-Imnara No. 16

# L - ILBIES FIL - VIŻTU

Maria Pisani

Dwar id-drawwiet ta' l-antenati tagħna meta kien imutilhom xi ħadd, ta' min jgħid xi ħaġa fuq l-ilbies matul il-perjodu tal-viżtu.

Fil-każ meta kien imut il-kap tal-familja, għall-ewwel sitt xhur, in-nisa ta' klassi għolja, kienu jużaw kappell aktarx bla faldi, forma ta' towk (*toque*) li minnu, fuq wara, kien jinżel velu tal-ġorġett iswed imberfel bil-krip (*crepe*) fin li kien jasal sa quddiem. Fl-ilbiesi kien ikollhom tberfil tal-krip ukoll, u ir-romol, minbarra dan il-velu, kien ikollhom tberfila tal-krip abjad fuq quddiem tal-kappell. It-*toilette* tal-viżtu ma kienx ikun komplit jekk ma jintlibisx par ingwanti suwed tal-ġild, anzi preferibbilment tas-swejd (*suede*), għax aktar ikunmu matti. Il-materjal għall-ilbiesi kien jintgħażel matt ukoll.

Kien hemm żmien meta, fil-luttu strett, anke l-irġiel kienu jagħmlu l-krep mal-kappall, infatti anke Victor Hugo isemmi din id-drawwa fil-famuż rumanz tiegħu "Les Miserables". Dari ħadd ma kien joħroġ mingħajr kappell, la n-nisa u lanqas l-irġiel.

L-irġiel kienu jilbsu libsa sewda ukoll. Dan minbarra li kellhom l-inkravata sewda u mustaxija fuq il-komma tax-xellug tal-ġlekk. Dawk li ma tantx kienu jistgħu, kienu jilbsu xi libsa griża jew blu skur. Il-foqra nett kienu jilbsu qalziet u sidrija suwed, bil-mustaxija fuq il-komma tal-qmis, u berritta sewda.

Il-*crepe*, jew kif kienu jsejħulu bil-Malti, il-krip, kif semmejt aktar qabel, kien materjal aktarx trasparenti u kkrepat, ismu miegħu, u daqsxejn iggummat biex l-ikkrepar tiegħu iżomm. Meta kien ikun ta' kwalita' fina, kien ikun għoli ħafna, u ma kontx issibu fil-ħwienet kollha. Jgħidu li kien famuż għalih Camilleri ta' fuq San Ġwann, jew "A La Ville de Lyons", kif kien jismu dan il-ħanut fil-Belt, magħruf għad-drappijiet fini tiegħu, u li kien jinsab fejn illum hemm is-*Securities Centre* tal-Bank of Valletta. Kien hawn ukoll krip ta' kwalita' inferjuri li kien jintuża minn dawk li ma tantx kienu jistgħu iħallsu, minn tal-ħwienet li kienu jdendlu l-strixxi suwed mal-vetrina jew ħanut tagħhom meta kien imutilhom xi ħadd tal-familja, xi persuna mportanti, jew ġirien. Kienu jużawh ukoll il-bekkamorti biex bih idawru t-tomna li kienu jilbsu waqt il-funeral. Dan il-krip kien jintuża ukoll biex isir xi ċoff mal-kuruni tal-fjuri, u biex jiksu l-istandard ta' xi banda jekk din tkun takkumpanja f'xi funeral jew f'xi proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Iż-żwiemel li kienu jiġbdu l-karru tal-mejtin, kienu jlibbsuhom faldrappi suwed, tal-bellus, pjumi kbar suwed f'rashom, u jagħmlulhom xi ornamenti b'dan il-krip. Dan kollu kien isir meta l-familja tal-mejjet kienet tkun tista' tħallas. Il-krip abjad kienu jużawh biss ir-romol; kien aktar għoli, u aktar diffiċli ssibu.

Waqt il-viżtu ma kienx jintlibes deheb, iżda l-għonja kienu jilbsu ornamenti, bħal imsielet, labar, ġirakoli u pendenti, jew

tal-ġet (*jade*) iswed jew tal-qroll iswed, fil-waqt li dawk foqra kienu jiksu l-imsielet tad-deheb b'xi biċċa ċarruta sewda matul il-viżtu.

Drawwa oħra li kien hawn kienet, li meta l-għonja jmutilhom xi ħadd, kienu jaqtgħu drapp iswed biex jinħetu l-ilbiesi tas-sefturi, għax kien meqjus nuqqas ta' rispett lejn il-mejjet, jekk il-qaddeja jidhru f'daru libsin il-kulur.

Il-perjodu ta' viżtu strett kien ta' sentejn, u warajh jibda l-meżżu viżtu li kien idum xi sitt xhur, meta allura kien jibda jitħallat ma' l-iswed xi kulur serju bħal abjad, vjola, lila' jew griż, u kienu jistgħu jibdew jintlibsu xi ornamenti tal-ġawhar.

Matul l-ewwel sentejn, dawk li jkunu tilfu lil xi ħadd, la kienu jmorru festi u lanqas tejatru, riċevimenti u pranzijiet; lanqas ma kien isir daqq ta' pjanu, gramophone, radju u strumenti oħrajn ġewwa d-dar. Jekk xi ħadd tal-familja kien ikollu bil-fors idoqq għax kien ikun qed jistudja xi strument, kienu jagħlqu t-twieqi biex minn barra t-triq ma jinstemgħax daqq.

Għalkemm ħafna minn dawn id-drawwiet kienu fl-aqwa tagħhom fis-seklu l-ieħor, baqgħhu jeżistu sas-snin tletin ta' dan is-seklu għoxrin, sakemm it-tieni gwerra dinjija ġabet taqliba kbira f'kull qasam tal-ħajja, inkluż il-viżtu, li ftit ftit, għoddu qed jispiċċa għal kollox.

---

**Kitbiet Għall-Imnara**

L-Editur jaċċetta kitbiet għall-Imnara, IżDA JRIDU JKUNU ORIġINALI U MHUX PUBBLIKATI QABEL BAND' OħRA. Iridu jkunu esperjenzi peronali ta' l-imgħoddi, jew riżultat ta' riċerka personali, jew ta' intervisti jew kuntatti personali ma' anzjani. Jistgħu ikunu bil;-Malti jew lsien ieħor, iżda tingħata preferenza lis-suċċetti li jittrattaw dwar interess folkloristiku għal Malta u Għawdex. Il-kitbiet jistgħu jintbagħtu lill-Editur, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema, SLM 02

---

L-Imnara No. 16

# ĠABRA TA' TAQBILIET POPOLARI (L-EWWEL PARTI)

Guido Lanfranco

Għal xi żmien ili niġbor noti dwar aspetti varji tal-folklor tagħna, minn għand l-anzjani. Ħafna min-noti tiegħi ġew minn kuntatti personali, iżda oħrajn ġbarthom billi bdejt nagħmel programmi folkloristiċi fuq ir-radju, l-aktar fuq l-RTK, fejn bdejt nagħżel suġġetti li dwarhom kont inkun irrid insib aktar informazzjoni, u bosta mis-semmiegħa bdew iċemplu waqt il-programmi u jagħtu l-informazzjoni tagħhom. Dejjem, bħalma wieħed jistenna, din l-informazzjoni kienet ta' żewġ kategoriji, jiġifieri dawk li kont ġa nafhom sew, iżda servew biex jikkonfermaw dak li naf, u oħrajn li kienu varjanti ta' dak li nafu, jew ġodda għal kollox. Dawn il-ġabriet ta' informazzjoni huma ta' tliet kategoriji: i. komunikazzjonijiet orali personali, li jinkludu intervisti jew informazzjoni spontanja jew bħala tweġiba għal xi mistoqsijiet tiegħi. ii. noti u transkrizzjonijiet ta' rekordings li għamilt mill-programmi tiegħi fuq ir-radju. iii. Korrespondenza minn semmiegħa tal-programmi tieġġi fuq ir-radju li ppreferew jiktbu milli jċemplu waqt il-programmi.

Din id-darba se nieħu għażla ta' sebgħin taqbila li ġentilment kitbuli xi persuni, u nġibhom hawn għall-interess tagħhom.

**Taqbila antika**

Imxejt, imxejt, imxejt
Żarbun ta' l-anġli xeddejt
Wasalt sal-bieb tal-ġenna
Sibt il-għadu qed jistenna
Għedtlu "lil min qed tistenna?"
Qalli "Qed nistenna lilek"
Għedtlu "lili m'għandekx xi tridni
Għax ruħi miktuba l-Alla"
Sodda, salib, imħadda, kuruna,
Kull min iħobb l-Alla
Ikollu xorti ventura
Ventura tal-venturi
Dik ommok Santa Klara
Missierek Santu Wistin,
Tlettax il-grazzja kellu
Dak l-imqaddes Sant"Antnin.(1)

**Brajbu**

Brajbu naf u brajbu ngħid,
Salib maqbru għal mawrien,
Ġesu' ħabbu, Ġesu' riedu,
Fuqu ssallab, fuqu miet.
Min ma jafx dan il-brajbu
Ifittex jitgħallmu,
U jgħidu tliet darbiet kuljum,
Piena tan-nar le ma jara,
Ġewwa l-ġenna dritt imur. (2)

**Għanjiet lil-Ħanini**

Ħanini raqad fuq l-ilma
U filgħodu sebaħ bil-għatx,
Jew il-qannata nkisritlu,
Jew il-ħabel ma laħaqx. (3)

Qalbi u qalb ħanini waħda
B'żigarella marbutin,
Il-mewt trid tkun għalina
Biex tifridna minn xulxin.(4)

Dak ħanini liebes l-iswed
Dik sinjal is-sinjorija
Għandu flus biex jixtri l-Malta
U jdawwarha bil-merkanzija.(5)

Kemm huma sbejħa l-għajnejn suwed
Għad li n-nies ifaħħru ż-żoroq
X'par għajnejn għandu ħanini,
Jisirqu x-xebbiet mit-toroq.(6)

Jien safar ma rridx insiefer

Ħanini għajjur għalija

L-Imnara No. 16

Għax ma rridx naqsam kanali
Irrid noqgħod fil-port ta' Malta
Fejn narak u fejn tarani.(7)

Jien ukoll għajjura għalih
Lili jħobbni u jurini
Jien inħobbu w ma nurihx.(8)

Ħanini jdoqq il-kitarra
Jien niżfinlu l-ispanjola
Kemm ili ninnamra miegħu
Kont għadni tfajla mmur l-iskola(9)

Minn din it-triq għaddejt u ngħaddi
Ġo fiha għandi qasrija
Jien ma nħobbx il-fjuri li tagħmel,
Iżda x-xebba li ssaqqiha(10)

X'par għajnejn għandu ħanini
Kif nagħmel u noħodhomlu
Nilgħabhomlu belladonna
U waħda waħda nirbaħhomlu.(11)

Kemm għandi grazzja ma' dawka
Li jkollhom għajnejhom sbieħ
Dak ħanini wieħed minnhom,
Kemm jiena ferħana bih! (12)

Kemm inħobbu lil-ħanini
Għax gustuż, ħelu w speċjali
Jiena l-ommu neħodulha
Jekk naf ħajti tispiċċali.(13)

Kemm inħobbu lil-dak ħanini
Fil-periklu li jiġġennen
Mhux għax għandi ġmiel ġo wiċċi
Iżda jiggustani nitkellem.(14)

Ħanini jdoqq ma' tal-Baqri
Kemm tixraqlu l-uniformi
Lilu rrid u lilu nieħu
avolja ma tridnix ommi.(15)

Li kont taf kemm jien inħobbok
Li kont taf x'nagħmel għalik,
Li kieku l-qlub jinqalgħu
Qalbi naqla' u nagħtik.(16)

Dak ħanini mil meżżani
La hu twil l'anqas qasir
Għandu dsatax il-sena
Jalgħaqhom nhar Sant'Antnin.(17)

Kemm inħobbu dak ħanini
Fejn imur jeħodni miegħu
Billi jiena iżgħar minnu
Jaħsbuni t-tifla tiegħu.(18)

Żewwiġni, mama' żewwiġni
Żewwiġni lil-ġgant tal-Belt
Sajf u xitwa jorqod barra
Xejn ma jibża' mill-maltemp.(20)

Dawk għajnejk is-suwed tuta
Xebbaħthom xebba lhudija
Imħabbtek kollha qassamtha
Ma ħallejtx daqsxejn għalija(21)

Nara l-wiċċek ninsa d-dinja
Nisma' kliemek ma mmut qatt
Jiena nneħħi ruħi b'idejja
Jekk narak f'idejn xi ħadd.(22)

Spiċċa ż-żmien tan-namur tagħna
Għal flimkien iżjed maħniex
Talli ħabbejtni ħabbejtek
U obbligata lejk mhinix.(23)

La twila u l'anqas qasira
Qegħda kif irridek jien
Donnok qanpiena tal-fidda
Magħmula għand l-arġentier.(24)

Dak ħanini liebes l-iswed
Donnu mietlu xi ħabib
Mititlu l-għażiża ommu
Li rabbietu fuq il-ħalib.(25)

R-ritratt tiegħek qiegħed għandi
Ġewwa qalbi hu stampat
Imdawwar bid-deheb u l-fidda
Bid-djamanti indurat (26)

Ġuvni sbejjaħ qalbi ħabbet
Dana kien minn Ħal Balzan
Meta marru jgħidu l-ommi
Qaltli insib wieħed aħjar(27)

Ġo qalbi għandi bixkilla
Mimlija bil-farkizzan
Ngħidilkom min hu ħanini
Ġuvni sbejjaħ minn Ħal Balzan(28)

Minn dit-triq għaddejt u ngħaddi
Ġo fiha riedu jżewġuni,
Xebba sbejħa w bint nies sewwa
Iżda dota ftit riedu jtuni.(29)

Ħalli l-ommok u ejja miegħi
Ħa tara min hu l-aħjar
Ommok traqqdek fuq it-tiben
U jiena nraqqdek fuq it-tajjar.(30)

Fi Strada ta' Santu Rokku
Hemmek fetaħ ħanut ġdid
Iż-żiġija taqli l-milsa
Uż-żiġi jaqli il-mazzit.(31)

Meta nara s-sabiħ wiċċek
Ikun jixraqlek rigal fin
Jien nagħtik par brazzuletti
U maktur kbir tal-ħarir.(32)

Libbsuni libsa roża
U kien jixraqli iċ-ċelest
U għajruni li jien kergħa
U l-għarus tiegħi diġa lest(33)

Ħanini sejjer isiefer
Bejn it-Tnejn u t-Tlieta jmur
It-tikira li ħallieli
Biex ma nkellimx ġuvintur.(34)

X'inti faċċata tiegħi
Irrid inkelmek u ma nistgħax
In-nies kollha kontra tiegħi
U isbaħ minnek ma narax.(35)

Kemm inħobbu il-ħut moqli
Speċjalment ikun biz-zalza
L-imħabba li tħobbni inti
Hija kollha mħabba falza.(36)

Wiċċek wiċċ l-anġli tas-sema
Dawk għajnejk kemm huma sbieħ
X'wiċċ għandek kemm hu ħelu
Ma nistgħax nissaportih.(37)

Kemm inħobbu lil-ħanini
Allavolja ma jtini xejn
Meta jkolli inlestilu
Meta le, nagħmillu d-dejn.(38)

Ħanini musmar tal-qronfol
Ajma qalbi kemm ifuħ
Allavolja daqsxejn samrani
Ix-xebbiet kemm iħobbuh.(39)

Ngħidilkom x'juża ħanini
Libsa griża kappell tat-tiben
Niesu kollha daru għalija
Għax ħabbejtu daqsxejn ta' tifel(40)

Ngħidilkom min hu ħanini
Min hawn jgħaddi ta' kuljum
Libsa griża u bajdanija
U ngravata navy blue.(41)

Li kienet l-imħabba teqred
Kieku ġismi ilu mejjet
Ħaqqni min jimmeritani
Għax lilek ħabbejtek iżżejjed(42)

Se ngħanni għanja lis-somor
Min hu ismar jiskużani
Għax ħanini abjad u aħmar
Minn ħaddieħor x'jimpurtani(43)

Meta rajt ir-ritratt tiegħek
Grazzja miegħek le ma ħadx
Meta rajtek naturali
Ġo qalbi lilek daħħalt.(44)

Kont fis-sakra u tajt il-kelma
Lill-għarusa ma rajthiex
Fittxu morru għidu l-ommha
Reġa' bdieli u ma rridhiex.(45)

Ix-xemx għebet u ġa niżlet
Qamar tal-lejla ma telgħax'
Għax ħanini għadu rieqed
Minn-nagħas għadu ma xebgħax(46)

Il-lejla se norqod waħdi
B'istanga nsakkar il-bieb
Nagħmel rasi fuq l-imħadda
Nisma għana minn tal-ħbieb.(47)

Minn għajnejk ħerġin ir-raġġi
Ħassejthom deħlin ġo fija
Ħalli l-ommok u ejja miegħi
Ħalli tara d-dinja x'fiha.(48)

Ħanini beċċun bajdani
Fejn imur iżoqquhuli
Dak ħanżir jagħmel għal żaqqu
Għad xi darba joqtluhuli.(49)

Min kellu jgħid lill-ommok
Minn ġirien se nsiru qraba
Qabel kont ngħajtilha isimha
Issa ngħajtilha kunjata.(50)

Il-libsa tas-seta kruda
L-għonnella tan-nobbilta'
Aqta jiesek minn ħaninek
Jekk għandek xi volonta'.(51)

Dak ħanini ġġieled miegħi
Miġġieled ma nafx għaliex
Jew qaltlu xi ħaġa ommu
Jew qalulha xi ħaġa n-nies.(52)

Li kieku l-qlub jinqalgħu
Naqla' qalbi u nagħtijhielek
F'karta strazza nkebbibhielek
Ġo valiġġa nibgħathielek.(53)

Ħanini għażiż għand ommu
Daqs id-deheb għand l-arġentier
Daqs il-fosos tad-djamanati
Għażiżha jiena għand missieri(54)

Żewwiġni, mama' żewwiġni
Żewwiġni fizzjal Ingliż
Għax il-Malti jrid id-dota
U dota jien mgħandix.(55)

Kemm ilek tistennieni
Issa jiena fl-aħħar ġejtek
X'bi ħsiebek int tlestili
Ta' l-imħabba li ħabbejtek.(56)

Il-kunjata ġġieldet miegħi
Għamiltli gost u pjaċir
Ħasbitni li jien mgħolija
Jien ferħana sejra ntir.(57)

Kulurek mhux naturali
Rajtek jien tagħmlu b'idejk
Iftaħ widnejk u ismagħni sewwa
Għax jien lilek qegħda ngħid.(58)

Għażiltek minn nofs tużżana
Qegħdtek f'kannestru ward
Kelli twal u kelli qosra
Mal-meżżana innamrajt.(59)

Iżżewwiġt u żewġi siefer
Nista' ngħid li m'nhix miżżewġa
Għandi x'niekol u għandi x'nixrob
Iżda qalbi dejjem sewda.(60)

Li kienet l-imħabba toqtol
Kieku kemm hawn nies mejtin
Imutu n-nies tad-dinja kollha
Jien u int nibqgħu ħajjin.(61)

Inħobbok għax naf li tħobbni
Ngħir għalik għax tgħir għalija
Ara meta issemmini
Int ma tgħidx id-deni fija.(62)

Kont imsiefer smajt bi ġmielek
Jien il-kiefer ma riedx nemmen
Issa ġejt u rajt b'għajnejja
Kif inħossni se niġġennen.(63)

Ara x'qalet il-Qrendija
Min jiżżewweġ jaqa' lsir
Iżżewwiġt ma sirtx ilsira
U tbatija ma nafx x'inhi.(64)

Ħanini sejjer isiefer
Fl-ewwel art jiftakar fija
Jiftakar li waħdi ħallieni
U li miegħu kont imdorrija.(65)

Ħsiebi fik ma nistgħax norqod
Inħoss xi jtajjarli nagħsi
Fittex tini r-ritratt tiegħek
Ħalli nqegħdu ma' ġenb rasi.(66)

Jien ma rridx insewwed qalbi
Li ma kienx għad jista' jkun
Ma jkunx dak ikun ħaddieħor
Ma spiċċawx il-ġuvintur.(67)

Wiċċ ix-xemx ta' l-Ingilterra
U l-qamar ta' l-istaġun
Ħanini kemm inti sbejjaħ
Bil-wardiet torqod u tqum.(68)

Li kien il-misjur mormi
Kieku int ilek mormija
Il-ħsara li għandek inti
Ebda mgħallem ma jsewwiha.(69)

Jekk niltaqa' ma' ħanini
Ma nkellmux sigurament
Il-ħalfa magħmula u lesta
Ma nikstrux il-ġurament.(70)

L-Imnara No. 16

**Referenzi**

Ġabra ta' Korrespondenza dwar Folklor Malti Minn Għand Semmiegħa tal-Programmi Ta' Guido Lanfranco fuq l-RTK Radio.(GKR)

1. Mibgħuta minn Mary Galea, Żejtun, li kienet tismagħha minn għand iz-zija tagħha, issa mejta. (GKR.14)

2. Mibgħuta minn Miriam Agius, Żabbar, li kienet qalitielha ommha, li ukoll kienet semgħatha minn għand il-buznanna tagħha. (GRK.15)

3 u 4 Mibgħuta minn għand Victoria Schembri, Siġġiewi, li semgħathom minn għand ommha. (GRK.13)

5 sa 9 Mibgħutin minn Mary Puli, Sliema, li ġabrithom minn għand zitha Bernardina Cassar minn Birkirkara (li issa tinsab l-Awstralja). (GRK.20)

10 sa 70 Mibgħutin minn Melita Cutajar, Birkirkara, li ġabrithom minn għand Yvonne Abela, Mosta, li kienet tiktibhom waqt li nannitha Eva Azzopardi minn Birkirkara (1911-1987) kienet toqgħod magħha. (GRK.19)

Hawn nerġa' niżżiħajr lil-dawk li kitbuli informazzjoni, wara li ġa rringrazzjajthom individwalment. It-tieni parti ta' taqbil folkloristiku jidher f'ħarġa oħra.

---

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

## IL-BANJIJIET TA' L-GĦAWM

Arthur Grima

Il-baħar ta' madwar il-gżira tagħna huwa sfog għal ħafna mill-Maltin, kemm għal min iħobb jistad minn fuq l-art jew il-fregatina, kif ukoll għal dawk kollha li fix-xhur sħan tas-sajf imorru biex jgħumu. Minħabba li l-baħar huwa daqshekk frekwentat u qrib tagħna, bilfors jidħol fil-folklor u drawwiet tagħna.

Jekk inħarsu lura xi sittin sena ilu, nistgħu inġibu quddiem għajnejna lil dawk in-nies li kienu jmorru jiffriskaw xi ftit ma' xatt il-baħar jew biex jgħumu. Dak iż-żmien ma kontx tara malji mqaċċtin bħal ta' issa. Meta kont tara xi mara fil-baħar, kważi kont taħseb li waqgħet il-baħar, għax kienet tkun bil-ħwejjeġ b'kollox. Dari in-nies kienu aktar skruplużi. Barra minn hekk, kien hemm oħrajn, li jew għax jistħu, jew għax ma kienux jafu jgħumu, kienu jużaw il-banjijiet ta' ħdejn il-baħar.

Dawn il-banjijiet kienu speċi ta' ħwat kbar maqtugħin fil-blat ma' xatt il-baħar. Wieħed jista' jara minnhom, per eżempju, f'Birżebbuġa int u sejjer lejkn il-Qajjenza. Dawn il-banjijiet kienu jħaffruhom bil-baqqun proprju max-xifer tal-baħar. Minn wieħed għall-ieħor tisata' tgħid li kienu jkunu l-istess qisien, ta' xi tmienja jew għaxar piedi kwadrati, u b'fond ta' xi tliet piedi. Biex wieħed ikun jista' jinżel fil-banju, kienu jinqatgħu xi żewġ tarġiet fil-blat ġo waħda mir-rokon. Fil-erba kantunieri tal-banju, kienu jħaffru toqba biex fiha jidħol saratizz. u b'hekk il-banju jkun jista' jiddawwar bil-ħsajjar jew lożor. Dawn il-ħsajjar jew lożor kienu jservu żewġ skopijiet; jew biex min ma jridx jidher jista' jinħeba warajhom, jew biex jilqgħu il-qilla tax-xemx.

Mill-banju għall baħar, kienet titħaffer trinka dejqa jew tnejn biex l-ilma jista' jidħol u joħroġ u jiċċirkola, u b'hekk tal-banju qatt ma jkun qiegħed. Għalkemm dawk li jgħumu fil-banju mgħotti kienu mistura, xorta kienu jilbsu malji daqsiex. Ħafna minn dawn li kienu jużaw dawn il-banjijiet kienu jkunu sinjuri, u x'aktarx li kienu jħaffru dawn il-banjijiet qrib fejn kien ikollhom id-dar tas-sajf jew tal-villeġġatura, kif huma dawk ta' Birżebbuġa.

F'"Rajt Malta Tinbidel" Herbert Ganado, isemmi li Marsamxett kienhemm banjijiet li jsejħulhom "Tas-Sur Tankred". Dawn kienu jikruhom biex dawk li ma kienx ikollhom il-banju tagħhom, kienu jkunu jistagħu jużawhom għal xi siegħa jew tnejn.

Ħasra li minħabba l-iskuża tal-progress sofrew dawn il-banjijiet, bħal ta' Pretty Bay f'Birżebbuġa. Għalkemm illum ma tarax min ifittix il-banjijiet, ta' min jagħmel mezz iħarishom bħala parti mill-wirt folkloristiku u storiku tagħna.

---

Bejn paġna 76 u 77, ritratti ta' banjijiet:-





Banjijiet, Fond Ghadir, Tas-Sliema (Ritratti G. Lanfranco)

L-Imnara No. 16

## L-EWWEL MEMORJI TA' SKEJJEL FIL-BELT VALLETTA

Paul Portelli

Waqt li hi ħaġa naturali li l-bniedem jaħseb fuq il-preżent ta' madwaru u fuq il-futur li jrid jippjana, jiġu mumenti ta' mistrieħ u kwiet, u l-passat iħares lejh b'ċerta nostalġija, fuq dak iż-żmien aktar ħelu ta' anqas ħsiebijiet u risponsabbiltajiet; ukoll min għadda minn xi esperjenzi qarsa jew disturbanti jipprova jinsiha. Infatti tisma' min jgħid...."Eħ! ..dak kien żmien!"

Fid-dinja mgħaġġla ta' llum, użanzi ta' għoxroin jew tletin sena ilu ġa saru parti mill-folklor ta' l-imgħoddi, aħseb u ara dawk ta' ħamsin jew sittin sena ilu. Inbidlu l-użanzi, l-ilbies, ir-rispett, il-ħajja soċjali. l-imġieba, u bosta ħwejjeġ oħra. Nixtieq hawn nirrakkonta xi ftit mill-esperjenzi u drawwiet li għanbdhom x'jaqsmu ma l-iskejjel fl-imgħoddi, iżda l-ispazju ma jippermettix li nidħol aktar f'dettalji.

L-ewwel skola li attendejt kienet Saint Mary's, ta' l-*infants*. Din kienet dar kbira b'ħafna kmamar fi Triq l-Isqof, il-Belt, (issa Triq l-Arċisqof), f'dik il-parti ta' bejn Triq San Pawl u Sant" Orsla, nieżel fuq ix-xellug; naħseb li kienu jibgħatuni aktar biex jeħilsu minni, għax min jiftakarni żgħir jgħid li kont imqareb.....aktarex enerġiku u mfissed...

Hemm kienu jgħallmuni ngħid in-numri mill-1 sal-10, l-Ave Marija, u wara nofsinhar, l-aktar mument mistenni kien meta nispiċċaw billi jgħidulna storja. In-numri konna nħażżuhom fuq il-lavanja bi *frame* ta' l-injam, b'lapes apposta, rqiq, twil, griż u jinkiser malajr, ħxuna ta' labra tan-*knitting*. Dak li jinkiteb kien jitħassar malajr b'ċarruta. Il-lavanja kienet tinbiegħ sold, u bil-lapes b'kollox sold u nofs. Il-pitazzi kienu jeżistu, iżda billi ż-żgħar iħobbu jħażżu, il-lavanja kienet aħjar.

Meta tfarfart xi ftit, daħħluni fl-iskola ta' Saint Joseph, fi Triq il-Merkanti (*Merchants Street*), dak iż-żmien quddiem il-ministeru tas-saħħa, fejn illum hemm Vassallo Antiques. Mit-tieqa tal-klassi kont nara l-bjut tad-djar fil-qrib. Ħaġa kurjuża li kont nosserva, kienu xi ġebliet weqfin, kwadri jew tondi, miżbugħin bojod; probabbilment kienu ventilaturi jew ċmieni baxxi, bojod biex jintlemħu bil-lejl..għadni kurjuż dwarhom sa llum.

Wara xi żmien, *Saint Joseph* marru f'post ieħor fi Strada Zacharia (*Saint Zachary Street*), quddiem fejn sa llum għad hemm ħanut ibiegħ il-ħaxix. Minbarra suġġetti ta' skola, kellna attivitajiet oħrajn, bħal sports, *physical training* biex ma nibbisux bilqegħda fil-kesħa, reċti għat-tejatru, u affarijiet oħrajn. Billi it-Teatru Rjal kien fil-qrib, hemm konna nagħmlu xi *shows* għall-ġenituri u mistednin speċjali. Fi *play* minnhom, kienu għażluni biex nagħmel parti ta' spettur. Kelli bżonn il-mustaċċi u waħħluhomli bis-*Seccotin*, li għalkemm kien tajjeb ma kienx jinxef malajr, u l-mustaċċi kienu bdew jaqgħuli ma' kull

muviment li nagħmel. F'din l-iskola tgħallimt nikteb fuq il-pitazzi għall-ewwel darba. Fit-tarf ta' fuq tal-folja, it-*teacher* kienet tiktbilna in-numri 1 sa 9 ħdejn xulxin, u aħna nikkupjawhom taħthom vers vers. In-numru 3 għalija kien diffiċli, u ma kontx nista' nisseparah minn vers għall-ieħor, għalhekk kien jiġini qisu molla minn fuq għal isfel, li swietli bosta daqqiet ta' riga fuq idi.

L-iskejjel kien ikollhom uniformi li tiddistingwihom, waħda għax-xitwa u l-oħra għas-sajf. Kienet obbligatorja għall-bniet jew ghas-subien żgħar u ftit imfarfrin, li nilbsu speċi ta' fardal. Fis-sajf kienet issir l-*Empire Day* fl-Istadium tal-Gżira, li konna nistennewha bil-ħerqa; hawn l-iskejjel kollha ta' Malta kienu jikkompetu f'kull xorta ta' sports.

Għalkemm kont inħobb l-iskola, darba minnhom ma kontx irrid immur, probabbli li ma kontx lestejt il-*homework*. Għalxejn qagħdu jwegħduni dak kollu li kont inħobb. Fl-aħħar, meta ommi, iz-zija u l-lavranta qatgħu qalbhom, bagħtu għal missieri, u dan tagħni xeba' u kaxkarni sa l-iskola. Is-soltu kienet tiġi Rita, waħda mis-*salesgirls* impjegata magħna, li kont inħobb għax kellha ħafna paċenzja u taf timmaniġġani, għalkemm kienet ftit imferfxa. Billi kelli xagħri folt, għax kienet moda li lis-subien iħallu-hulhom twil jew bin-nokkli, kienet tweġġagħni meta tippettinhuli... Jien kont ngħidilha: "Bil-mod!" u hi kienet twieġeb: "Jew bit-tomna!" Dan għaliex modd u tomna kienu is-mijiet ta' kejl.

Billi *Saint Joseph* kienet prinċipalment skola tal-bniet, meta kbirt ftit ma zammewnix iżjed, għalhekk daħħluni fi skola oħra, probabbilment *Preparatory School*. Din kienet skola priva-ta, bil-miżata, għas-subien u l-bniet, preparatorja għall-Liċeo u s-Sekondarja tal-gvern. Il-bieb prinċipali tagħha kien fi Triq Kristofru (*St. Christopher Street*), u konna noħorġu minnn bieb ieħor fuq Strada San Paolo. Din m'għadhiex teżisti, għax waqgħet fil-gwerra, u minn flokha telgħhu appartamenti magħrufin bħala Cotoner Flats. Kienet bejn Triq Merkanti u Triq San Pawl. Il-*Headteacher* kienet mara ngliża, robusta, dejjem b'lasta f'idha biex issib xi vittma u tfarfarhielu. Konna tassew nibżgħu minn-ha. Kien jisimha Miss Wotton.

Niftakar li kien hawn skejjel oħrajn għall-Belt, bħal Tal-Pilar, Saint Paul's, u Flores College li attendejt aktar kbir waqt il-gwerra. Dawn kollha kienu jinsabu mhux bogħod mill-Au-berge D"Aragon, u sintendi skejjel primarji u sekondarji tal-gvern li kienu ta' standard tajjeb aktar minn ta' llum.

Ta' nteress folkloristiku, ta' min isemmi ukoll l-iskola Tan-Nuna. Din kienet Strada San Paolo Numru 137, kantuniera ma' Strada San Domenico. Kienet tikkonsisti f'kamra waħda imdawra mal-ħajt bil-bankijiet twal ta' l-injam, fejn it-tfal żgħar ħafna kienu jpoġġu, idejhom marbuta, waqt li n-Nuna b'riga f'idha ddur fin-nofs tidderiġi bħal surmast tal-banda. Din in-Nuna kienet mara twila, rqiqa, kemxejn inklinata, b'nuċċali mżerżaq ful il-mnieħerha, liebsa dublett twil sa l-għarqub u għonq għoli ssikkat jispiċċa b'xi pontina jew frill bħala gost. Kienet tgħallem

lit-tfal l-orazzjoni u xi *nursery rhymes*. Sa fejn naf kienet xebba; meta rtirat mit-tagħlim kienet iżżomm ħafna qtates u titma *strays* tat-triq. Kienet tħobb ħafna l-annimali, u kienu jiġu jiġru malli jisimgħuha ssejħilhom. Illum, ħdejn il-kamra li kellha, hemm ħanut ta' skarpan.

Meta kont għadni żgħir, wieħed xwejjaħ (li kieku għadu ħaj issa għandu mal-111 sena!) kien jirrakkontali li skola dam imur biss erba' snin; sentejn jitgħallem li n-naħla tagħmel l-għasel, u sentejn oħra li l-brimba tagħmel l-għanqbuta!

Wieħed ma jistgħax jinsa jew iħalli barra lill-għalliema u lis-surmastrijiet, meta jkun għadda parti sewwa magħhom minn żogħżitu. Issir tirrispetthom u jsiru qishom membri tal-familja. Tajtx kemm nifraħ meta niltaqa' ma xi ħadd minnhom. Niftakar fil-laqmijiet li konna nsibuhom bihom, f'xi somma tal-*homework* li ma jirnexxilniex insolvu u nikkupjawha kmieni minn għand xi ħabib qabel l-iskola....

Niftakar ukoll għall-ħabta tal-1938, meta ftit qabel il-gwerra kien sar Kungress fuq il-fosos tal-Furjana. Inġabru tfal mill-iskejjel ta' Malta kollha, privati u tal-gvern. Intremat tribuna kbira sabiħa fuq il-fosos, għolja u titla' bit-taraġ, tidher minn kullimkien. It-tfal kienu mqassmin fi kwadranti skond l-iskejjel rispettivi. Waqt it-tqarbin, numru kbir ta' saċerdoti tferxu ma' kullimkien, iqarbnu dak in-numru kbir ta' *teachers* u tfal. Niftakar li wara' kienu tawna borża ħelu u bott ħalib frisk, li dak iż-żmien kien jikkonsisti minn *carton* tax-xemgħa, u bandiera bajda u safra tal-papa.

Fil-klassijiet kienu jintgħażlu tfal biex jiġbru u jqassmu l-pitazzi, oħrajn biex iċemplu l-qanpiena li kienet tar-ram b'manku twil, għar-rikrejazzjoni jew għax sir il-ħin. Dawn l-istudenti magħżulin kien iħosshom privileġġjati.

Ma nistgħax nagħlaq din il-kitba mingħajr ma nirringrazzja lill-ġenituri tagħna għal ħafna sagrifiċċi u privazzjonijiet li wettqu magħna u għalina.....

---

**Refer to photographs on page 61:**

Fig. 1 Marine motif box covered with Maltese seashells (photograph Angelo Dougall)

Fig. 2 Antique 50cm high arrangement of flowers entirely made from Maltese seashells. (photo Guido Lanfranco, courtesy Mrs. S. Cassar)

---

# X I ħ U X I ħ A

Ġuże' Chetcuti

Fid-dawl ta' lampa ċkejkna
li qed tnemnem ftit ftit,
hemm Xiħ li qiegħed jaqra
u Xiħa qiegħda tħit.

Il-qniepen ta' fl-għaxija
mill-knejjes imxerrdin
l-aħħar aħbar qed jagħtu
tal-jum li qed inin.

U fid-dalma ta' barra
ir-riħ qed jonfoħ sħiħ,
il-mewġ max-xatt jitniehed,
fl-arja biki u tinwiħ.

Il-ħajja kollha mqallba
wix-xita qed iżżid,
imma fil-kamra ħiemda
ix-Xiħa għadha tħit.

U ix-Xiħ li qed jiftakar
fiż-żmien li għadda w mar,
bid-daħka jtenni l-ġrajja
ta' meta kienu żgħar.

Għidli, Mari', tiftakar,
tiftakar, għid, Mari',
meta lill-Kurat għedtlu,
mistħija, *"Sinjor si"*!

- U fuq ħaddejn ix-Xiħa
telgħet fawra demm,
u minn taħt in-nuċċali
lix-Xiħ tbissmet kemm kemm. -

U fost id-daqq ta' l-orgni
ħriġna mill-knisja id f'id,
ħaddara w ħbieb warajna,
ferħ, barka, riżq u ġid.

U ftakru: sena wara,
it-tnejn, kif kien meħtieġ,
marru l-Buskett fl-Imnarja
skond il-kuntratt taż-żwieġ.

Festa ta' għors u hena,
ilwien, ilwien, ilwien,
bhejjem mimlija ġlieġel
ġejjin minn kullimkien.

Baħar ta' nies jitbandal
mir-Rabat sa H'Attard
min jgħanni, min jissakar,
min jiekol, mitfugħ fl-art.

U għadda wkoll minn moħħom
il-ġenn tal-karnival,
xalar, tbahrid, tgawdija
ta' rġiel, nisa u tfal.

U huma wkoll mal-folla,
lebsin ta' maskarati,
jiżżagħblu, jidħku u jiżfnu,
kulħadd min jiflaħ jagħti.

U f'Hadd in-Nies jitilqu
mal-kotra Haż-Żabbar,
l-isbaħ ilbies ixiddu
ħa jidhru mill-aħjar.

U wara t-talb fil-knisja
iduru mat-triqat,
u n-nies tixtri w tindafar
bil-kagħak u l-qassatat.

Id-dar l-orkestra taghti,
ferħ, daħk, agħjat użfin,
kulħadd jixxala u jixrob
ir-rum u r-rożolin.

L-Imnara No. 16

Imbagħad f'ħajjithom niżlet
dija ta' ġmiel il-ferħ
bħal-kewkba illi tixgħel
sagħtejn qabel is-sebħ.

Kienet l-ewwel tarbija,
kemm ferħu u kemm bkew,
l-aħbar xterdet bħal berqa,
u l-ħbieb għal darhom ġrew.

Tal-"banda" wara biebhom
iħanxru bil-vjolini,
u tqassmu ħbub bil-qabda,
xorb, ħelu w biskuttini.

Hawnhekk ix-Xiħa ftakret
meta, mara fuq tagħha,
kienet tarfa' lil binha,
tbusu u tħaddnu magħha,

Tgħannilu b'leħen kiebi,
leħen minn taħt l-ilsien,
dik il-għanja tal-ġenna
li ġiet minn żmien għal żmien:

"Orqod, ibni, orqod,
fil-benniena tal-ħarir,
ommok il-Madonna,
missierek Ġesu' Bambin!"

* * * * * * * * * *

Barra, fid-dlam, ix-xita
qed tfaqqa' mal-ħitan,
tkarwit ta' ragħad fis-sema,
theżhiż ta' bini w djar.

Imma fid-dawl ta' lampa
li qed tnemnem ftit ftit,
hemm għadu x-Xiħ qed jaqra,
u x-Xiħa qiegħda tħit.

---

L-Imnara No. 16

## IL - ĦAJJA FL - IMGĦODDI

Mary Ghio

Il-ħajja fl-imgħoddi ma kienetx komda. Il-mara tad-dar kienet tqum fl-erbgħa ta' filgħodu, u wara li tisma l-quddiesa ta' l-ewwel, tmur fuq il-banju taħsel xi ħasla ħwejjeġ. Ħasla ħwejjeġ kien fiha kedda, għax kien ikollha taħsel, tgħalli, tlaħlaħ u tonxor, u wara tixxotta l-kwantita' ta ilma li tkun xerdet ma' l-art. Ix-xirja kien ikollha ssir kuljum, għax *fridge* ma kienx hawn.

Il-bir u l-bomblu kienu jridu jagħmlu tajjeb biex fis-sajf ikunhemm xarba friska; il-kaxxa tas-silġ ġiet aktar il-quddiem. Din il-kaxxa kient ta' l-injam miksija biż-żingu; jitfgħu fiha blokka silġ imgeżwra ġo biċċa flanella jew ġo biċċa karta ħażina, u fiha jpoġġu l-frott u xi fliexken ta' l-inbid jew ta' l-ilma.

Meta l-mara tiġi bix-xirja tibda tikkorda l-borma. Tagħmel borma ħaxix, titfagħlha xi biċċa żaqq, xi widna, żewġ saqajn immellħa u xi denb tal-ħanżir, u jien ngħid kif kienu jgħidu dak iż-żmien..."tagħmel daqsxejn kawlata tagħqad fuq id-difrejn"!. Il-mara Maltija dejjem kienet tħobb issajjar. Ħaxix bil-kirxa, stuffat tal-majjal jew tal-muntun. L-Erbgħa u l-Ġimgħa bigilla, sfineġ tal-bakkaljaw, aringi, inċova, ma' ftit fażola, żebbuġ u marinat kien l-ikel favorit tal-ħaddiem Malti. Imqarrun, ross fil-forn, torti, tiġieġa jew fenek, kienu l-aktar li jissajru fil-Ħdud u l-festi.

Għand tal-forn kienu jieħdu id-dixx bl-ikel mgħotti b'sarvetta. Il-furnar kien ikollu biċċiet taż-żingu mqattgħin xi sitt ċentimetri kwadri, b'ganġ f'toqba fit-tarf. Dawn kienu jkunu tnejn tnejn bl-istess numru, biex wieħed jiddendel mad-dixx, u l-ieħor jinżamm minn sidu biex meta jiġi lura għalih isibu jaqbel u ma jinbidillux.

Waqt il-faċendi, l-mara maltija kienet tħobb tgħanni. Dawn huma xi ftit mill-għanjiet li kienu jgħannu waqt il-ħasil tal-ħwejjeġ:

Ajma qalbi kemm tuġagħni,
Qed tuġagħni, għandha biex...
Qabel kellha min iħobbha,
U miskina 'ssa mgħandhiex.

Ħanini beċċun bajdani,
Fejn imur iżoqquhuli;
Ħanini jagħmel għa żaqqu,
Għad xi darba joħduhuli.

Fejn hu dak iż-żmien ta' dari
Meta xebba taqbad tħobb?
Ġranet tagħmel xejn ma tiekol,
Ljieli tagħmel ma torqodx!

In-nisa kienu jgħannu anki waqt li kienu jfettħu l-ħaxixa jew is-suf tan-nagħaġ biex jimlew is-saqqu jew il-mitraħ. Imtieraħ kien hemm tat-tiben, tas-suf jew tal-ħaxixa. Is-suf, l-ewwel kienu jaħsluh il-baħar jew fl-ilma bil-melħ biex ma

jdewwidx, u wara li jinxef sewwa ifetthuh. Il-ħaxixa kienet tiġi bil-balla; din ukoll kienu jfettħuha, u wara jimlew is-saqqu u jittrapuntawh b'labra twila u ħoxna jgħidulha msella. L-ewwel kienu jaqtgħu biċċiet tad-drapp tondi daqs sold jew daqs ħames ċenteżmi, u mbagħad ipoġġu biċċa taħt l-oħra fuq il-mitraħ, idaħħl l-imsella bi spaga twila minn taħta għal fuq, u terġa' minn fuq għal taħt, tinġibed, tingħafas u tintrabat tajjeb, u tinqata' bl-imqass; kienu jibqgħu sejrin hekk, jagħmluhom xi żewġt ixbar minn xulxin, sakemm jimleww tul il-mitraħ kollu.

Wara ġurnata taħbit biex iddur bil-familja, il-mara kienet tistrieħ billi kienet toħroġ siġġu ħdejn il-bieb ta' barra u toqgħod traqqa' xi qalziet, peduni jew libsa. L-ewwel iddaħħal qisha bajda ta' l-injam fil-peduna, u mbagħad kienet toqgħod traqqa' bil-paċenzja kollha, waqt li tgħid xi kelma mal-ġara dwar xi problema tal-familja.

Hafna mill-irġiel, wara x-xogħol kienu jmorru l-każin tal-banda jew ġo xi ħanut ta' l-inbid, jintasbu madwar xi mejda jixorbu xi pinta. Min idaħħan bil-pipa u min jobrom xi sigarrett, u jirrakkontaw xi jkun ġara matul il-ġurnata fuq ix-xogħol, u jekk fosthom jinzerta jkun hemm xi wieħed li jbaħħar kien joqgħod jirrakkonta kemm il-għarqa ra ma' wiċċu, u kemm nies iltaqa' magħhom bi lsien u drawwiet differenti...iżejjen l-istorja b'dawk ta' madwaru attenti u mistagħġba b'dak kollu li jisimgħu.

L-istess kien jiġri fil-ħwienet ta' l-ikel fejn l-istejjer ma jonqsux. Ix-xatt tal-Belt kien hemm il-ħwienet ta' l-ikel għal dawk li jaħdmu ta' burdnara, qaddiefa tad-dgħajes u ħaddiema oħra li kellhom mistier fuq il-baħar; platt kirxa jew għaġin kien jiswa sold biss....erba milleżmi ta' llum.

Fl-antik veru li kien hawn il-faqar u kulħadd jixtri bis-soldi u l-ħbub, pero' l-ikel kien ġenwin u tajjeb; jien ukoll niftakar it-togħma ta' l-ikel xort' oħra, aktar bnina. Anke sempliċi biċċa nċova bajda kellha togħma oħra!....

---

L-Imnara No. 16

# XI TIFKIRIET TA' TFULITI MADWAR SAN FILIPPU TA' L-ISLA

Ġużi Buontempo

Aħna konna noqgħodu L-Isla viċin il-kunvent tal-knisja ta' San Filippu, u kont midħla sew ta' dan il-kunvent. Ta' seba snin għamilt l-ewwel tqarbina mgħallem minn Dun Angelo Raggio (Dun Anġ Raġġi) li kien il-prepostu li kien jgħallimna d-duttrina fl-oratorju ta' l-istess knisja. Wara bqajt immur id-duttrina u kont wieħed mill-magħżulin (mill-bravi!) Dun Anġ kien iqaddes tal-ħamsa ta' filgħodu u kien idum ħafna, kważi siegħa. Dak iż-żmien il-quddies kien bil-Latin; meta jispiċċa il-qassis kien jinżel it-tliet tarġiet ta' l-altar u jgħid tliet Avemarijiet u Salve Reġina.

Fil-Ħdud kien jiġbor lilna t-tfal fil-kunvent tal-knisja quddiem iċ-ċella tiegħu, jagħmlilna t-tombla u ġie li kien joħroġna xi dawra ukoll, bħal meta darba morna passiġġata u dħalna l-kunvent tal-patrijiet tal-Marsa fejn kellu xi patri ħabib tiegħu li ried imur iżur. Meta darba ħadt riħ kont inħnaqt, u bqajt hekk għal xi żmien ukoll meta għaddieli. Iżda meta rġajt lura ma sħabi, Dun Anġ riedni bilfors inkanta "O Santa Vergine prega per noi..." ukoll jekk għedtlu li ma stajtx...tistgħu taħsbu b'dak il-leħen ta' żiemel fgat x'ħareġ, u minbarra sħabi, Dun Anġ daħaq aktar milli qatt niftakru jidħaq... Iċ-ċella ta' Dun Anġ kellha sodda, kredenza b'erba' kxaxen li f'wieħed minnhom kien iżomm il-libsa li kien juża meta jakkumpanja fil-proċessjoni ta' Korpus li kienet toħroġ mill-parroċċa ta' Marija Bambina. Kellu wkoll kwadru tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesu'.

Darba kont qed nisma' l-quddies f'San Filippu u tqarbint; u wieħed tifel ġie qalli li jekk irrid nitqarben darbtejn immur fis-sagristija, nixrob ftit ilma, u nerġa' nitqarben...Din il-ħaġa għamiltha xi darbtejn oħra, sakemm xi raġel induna u qlajt ċamata. Dejjem induru fil-knisja u l-kunvent ta' San Filippu. Fil-knisja għadni niftakar li kemm il-darba kienet tiġi tpoġġi quddiemi xi mara bl-għonnella qisha qluħ, u ma nkun nista' nara xejn.

Dun Anġ kien jagħmel minn kollox; kien jgħallem id-duttrina, iqarben u jqarar ħafna. Kont inqisu bħas San Filippu, dejjem idur bit-tfal. Aħna konna nippretenduha ta' Filippini, u kemm il-darba xtaqna li nkunu parroċċa għalina (ta' tfal li konna) biex nippikaw ma tal-Bambina!

Dawk iż-żminijiet ta' tfuliti, bħal bosta tfal oħra, kelli knisja tal-logħob fid-dar, aktar qisha niċċa, armata b'kollox, bil-fjuretti, terħa ħamra, appostli u gandlieri kbar għal festa u żgħar għal kuljum; dan minbarra ventaltari għal kull festa u damask aħmar, u tapit għal quddiem l-altar maġġur...Kif ġie għandi dan it-tapit? Kont mort il-knisja sibt lil Ġużeppi s-sagristan, u għedtlu li kelli bżonn nagħmel tapit għal quddiem l-altar tiegħi. Hu qalli li jaqtagħli biċċa minn tapit li kellu li jitrembel, iżda riedni l-ewwel niġborlu s-siġġijiet tan-naħa tar-Redentur, u qalli biex malli nara lil xi ħadd iqum nieħu s-siġġu.

L-Imnara No. 16

Hekk bdejt nagħmel u kollox mar ħarir, sakemm mara li kienet qamet, u ħaddtilha s-siġġu, iddeċidiet terġa toqgħod u ġiet fl-art! Il-biċċa tapit xorta tahieli s-sagristan... F'Ħadd Lażżru kont ngħatti il-kwadri tal-knisja tiegħi b'biċċa velu. Il-knisja niċċa tiegħi la kellha koppla u lanqas kampnar, iżda jiena kelli qanpiena waħda, u fuqha kont indoqq il-moti kollha skond il-qawwa tad-daqqiet li kont nagħti, u kien ikolli festa sħiħa.

Meta bdejt nikber kelli l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira bħal ta' L-Isla, li kienu l-Ort, Marbut, Porpra, Veronika, Vara l-kbira, Monument u d-Duluri. Viċin tagħna kien joqgħod wieħed sinjur li kellu tifel ta' mpari li kellu sett sbieħ u kbar. Dan it-tifel, fir-randan, kien jagħmel proċessjoni bil-vari kollha barra fit-triq; dak iż-żmien it-triq kienet tkun vojta, għax karrozza waħda kienet tidħol fiha, dik ta' missieru stess. Kien jiġbor tfal oħrajn biex iqabbadhom imexxu l-vari, iżda meta kont immur jien ma kienx iridni...lili dejjem Le; aktar kemm kont inħobb il-vari aktar kien iħossni miksur. Iżda jien kelli l-vari tiegħi (għalkemm mhux sbieħ daqs ta' Ġużeppi Bonanno). Jien anki kelli l-Ort bis-siġra, u tiegħu le...Jien ukoll kont nagħmel proċessjoni d-dar, ...kif? Il-vari tiegħi kienu fuq, għalhekk kont inniżżel il-vari t-taraġ waħda waħda, kultant kien jgħini ħija (Alla jaħfirlu), u kultant kien ikissirli xi waħda ukoll, u wara li nirrabja kien ikolli nixtri oħra...jekk ikolli flus! Meta darba kont żgħir kont fis-sodda għax kelli xi 103 deni, bdejt nibki u nolfoq għax ridthom jixtruli Redentur li kont rajt f'ħanut Strada Due Porte; xtrawhuli...(bejnietna- kien vera magħmul ikrah!) ..iżda wara li xtrawhuli bdejt infieq.

Dun Anġ miet wara li kien ilu prepostu ta' San Filippu għal 46 sena, u sponewh fil-kunvent biex jistgħu jinvistawh in-nies. Billi kellu fama ta' qaddis u f'ħajtu kien għ-għamel ħafna ġid spiritwali, kienhemm xi nies li ppruvaw jeħdulu xi biċċa mill-libsa tiegħu bħala rikordju....
Kellu funeral kif kien jixraqlu.



L-Imnara No. 16

**TISLIMA LIL EMANUEL FARRUGIA (1934 - 1991)**

Angelo Dougall

Emanuel Farrugia miet f'qasir il-għomor fit-23 ta' Ġunju, 1991, wara marda qasira. Dan l-artist nistgħu inqisuh ukoll bħala artist li kellu x'jaqsam mal-folklor marittimu Malti.



Manwel twieled fil-Kalkar a fl-1934, u trabba fl-ambjent marittimu tad-daħla ċkejkna u pittoreska, u x-xatt ta' dak is-subborg, bi storja twila marbuta mal-baħar. Kien għalliem fl-ornament tal-ġebla fl-iskola teknika ta' Tarġa Gap fil-Mosta Baqa' għaseb u dedikat b'imħabba kbira għall-ornament u skultura fil-ġebla Maltija. Kien ukoll magħruf bħala artist ta' xogħolijiet ta' *collage* u ta' l-akkwarell. Wara mewtu saret f'ġieħu, wirja ta' xogħolijiet tiegħu fil-mużew ta' l-arti.

Mil-lat tal-folklor Malti, Manwel kien inaqqax u jiddisinnja lavur u tpinġijiet ornamentali folkloristiċi, u tberfil fuq qxur tal-baħar. Kien jinkoraġġixxi ħafna li jsir tberfil folkloristiku fuq opri tal-baħar, bħal fuq bardnelli, ċappi, geriti, emblemi tal-pruwa, għajnejn, numri fuq plakki u skultura folkloristika oħra li normalment isiru fuq dgħajes. Kienet l-ħena tiegħu jitħaddet fuq l-ornamenti li jinsabu fuq luzzijiet, kajikki, dgħajes tal-pass, frejgatini u qxur oħra tal-baħar. Kien jagħmel dawn l-ornamenti bla ħlas, basta jkun jaf li dawn id-drawwiet ma jmutux. Kien jilmenta li din l-arti marittima qegħda tinqata' u tmut bil-mod il-mod, u tkun tassew ħasra jekk ma jinqalgħux żagħżagħ dilettanti li jidħlu għal dan it-tip ta' xogħol fuq l-opri tagħna tal-baħar.

Fil-passat, fil-Kalkara kien hemm nies magħrufin għas-sena ta' tberfil u ornamenti marittimi u folkloristiċi. Manwel Farrugia ta il-kontribut siewi tiegħu f'dan il-qasam ta' folklor marittimu. Waqt li nsellmulu u nitolbu għal ruħu, nittamaw li kif kienet ix-xewqa tiegħu, dawn id-drawwiet ma jispiċċawx, u li żagħżagħ jieħdu nteress f'din is-sengħa u arti ta' folklor marittimu.

---

Nota: Ir-ritratt meħud minn *leaflet* "Tribute to Emanuel Farrugia" maħruġ f'Ġunju 1992 mill Fine Arts Museum, Valletta.